MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1106/2009

WEBCRAFT LIMITED (C – 20466)

vs.

Daniel BORĠ D’ ANASTASI

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-13 ta’ Novembru, 2009, li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet (a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta’ l-artikoli 167 sa’ 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tnax-il elf erba’ mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 12,423.33) li

tirrappreżenta nofs il-paga kollha li l-istess imħarrek kien ikollu jedd jitħallas li kieku wettaq saż-żmien miftiehem il-kuntratt ta' mpieg li huwa kellu mal-istess kumpannija attriċi u li huwa abbanduna fl-1 ta' Lulju, 2009; Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimat li deher għas-smigħ tal-lum, mgħejjun kif imiss minn avukat, u li talbet li l-Qorti tħalli lill-istess imħarrek jikkontesta l-kawża;

Semgħet lill-istess imħarrek jixhed taħt ġurament;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih sabet li l-imħarrek ma tahiex raġuni tajba biex jitħalla jikkontesta l-kawża;

Semgħet rappreżentant tas-soċjeta' attriċi taħt ġurament, li ikkonferma li l-kreditu mitlub fir-Rikors Maħluf għadu dovut u fisser ukoll kif inħadem l-istess ammont;

Semgħet l-Avukati ta' l-partijiet;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' s-soċjeta' attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tnax-il elf erba' mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 12,423.33) rappreżentanti nofs il-paga li l-imħarrek kien ikollu jedd jitħallas li kieku wettaq saż-żmien miftiehem il-kuntratt ta' mpieg li huwa kellu mal-istess kumpannija attriċi u li huwa abbanduna fl-1 ta' Lulju, 2009

flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b' seħħ mil-lum, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**3) Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------